A.L. 7 ta' l-1984

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds ta' l-Isports

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1978 biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 88 ta' l-1978.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minflok it-tifsira ta' "*ground* ta' l-i*sports*" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "*ground ta'* l-i*sports*" tfisser —

(a) l-Istadium Nazzjonali Ta' Qali — f'Ta' Qali;

(b) il-Marsa Sports Ground — il-Marsa;

(ċ) il-*Ground* ta' l-I*sports* ta' Pace Grasso — ir-Raħal Ġdid;

(d) il-*Marsa Race Club* u l-Korsa tat-Tiġrija — il-Marsa;

(e) il-*Ground tal-Football* ta' Manoel Island — il-Gżira;

(f) is-*Silver Jubilee Ground*, f'Għawdex; u

(ġ) kull *ground* ta' l-i*sports* ieħor li l-Ministru jista" jispeċifika b'ordni.".